Kif Nistgħu Nkunu Meħlusin mid-Dnub

Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as]
Il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi
Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana

Kif Nistgħu Nkunu

Meħlusin Mid-Dnub

Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as]

Il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi

Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

How to be Free from Sin
Maltese Translation

Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (il-paċi tkun miegħu)
Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)

Pubblikazzjoni ta'

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

Tel: +356-27342401 ● **Tel**: +356-21322105
Mob: +356-79320139 ● **Fax:** +356-27322105
Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadija.org.mt
www.ahmadiyyamalta.org

978-99957-59-01-8

Stampa: © shutterstock.com

Introduzzjoni

Dwar l-Awtur

Imwieled fl-1835 f'Kadjan (Qadian), l-Indja, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], iddedika lilu nnifsu għall-istudju tal-Koran Imqaddes u ddedika ħajtu għat-talb u l-imħabba lejn il-proxxmu. Minħabba li hu rrealizza li l-Iżlam kien fil-mira ta' attakki moqżieża minn kullimkien u li l-Musulmani kienu qed jgħixu ħajja miżerabbli minħabba nuqqas ta' finanzi, huwa, bħala l-Imam u l-vuċi l-aktar distinta f'dawk iż-żminijiet, ħa fuqu l-inkarigu li juri l-ġenwinità tal-Iżlam u li jwassal it-tagħlim tiegħu fis-sura oriġinali tiegħu. Fil-ġabra wiesgħa ta' testi miktuba minnu, lezzjonijiet, diskorsi, dibattiti reliġjużi, eċċ., huwa sostna li l-Iżlam huwa l-uniku fidi ħajja, il-għaliex bl-insegwiment tagħha, il-bniedem jista' jistabbilixxi kuntatt mal-Ħallieq tiegħu u joħloq komunjoni Miegħu. Huwa pproklama li Alla ħatru bħala l-Messija u l-Maħdi, skont il-profeziji tal-Bibbja, il-Koran Imqaddes, u l-*Aħādīth*. Fl-1889, huwa beda jaċċetta d-dħul fil-Komunità tiegħu, li llum hija mwaqqfa f'aktar minn mitejn pajjiż. Huwa kiteb aktar minn tmenin ktieb bl-Urdu, bl-Għarbi, u bil-Persjan. Wara t-telfa tiegħu fl-1908, il-Messija Mwiegħed[as] ħalla warajh il-Kalifi (is-Suċċessuri), li komplew bil-missjoni tiegħu. Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], huwa l-mexxej attwali tal-Komunità Aħmadija Musulmana u l-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as].

Dwar il-Ktieb

Il-kunċett Iżlamiku dwar is-salvazzjoni huwa ferm differenti minn dak ta' reliġjonijiet oħra, b'mod partikolari dak tal-Kristjaneżmu, il-għaliex l-Iżlam ma jaċċettax il-kunċett tad-

Dnub Oriġinali, u jiddikjara li huwa l-bniedem innifsu li huwa responsabbli tad-dnubiet tiegħu. Għaldaqstant għandu jkun huwa stess li jillibera lilu nnifsu mid-dnubiet tiegħu stess ħalli jikseb is-salvazzjoni. F'dan l-artiklu, il-Messija Mwiegħed[as] iwieġeb din il-mistoqsija fundamentali, għala l-bniedem jidneb u kif għandu jeħles lilu nnifsu mid-dnub.

Il-Messija Mwiegħed[as] jikteb li l-bniedem min-natura tiegħu stess ma jaħmilx dawk il-ħwejjeġ li lilu jagħmlulu ħsara, u jekk jidneb dan iwettqu biss il-għaliex ma jemminx verament fl-eżistenza ta' Alla u f'Jum il-Ġudizzju. Kieku kellu l-istess ċertezza dwar ir-responsabbilità tad-dnub, daqskemm għandu, pereżempju, dwar il-ħsara ta' xi velenu jew serp, kieku bl-ebda mod ma tgħaddilu minn moħħu li jikser il-Kmandamenti sagri.

Il-Messija Mwiegħed[as] jisħaq ukoll li reliġjon ġenwina trid tkun meqjusa fuq il-ħila tagħha li twassal lis-segwaċi tagħha biex jemmnu bis-sħiħ fl-eżistenza ta' Alla. Il-kittieb qaddis iqabbel l-Iżlam mar-reliġjonijiet ewlenin l-oħra u jikkonkludi li huwa l-Iżlam biss li jista' jwassal lill-bniedem għall-konoxxenza perfetta u, konsegwentament, lejn il-ħelsien mid-dnub.

L-ewwel traduzzjoni bl-Ingliż ta' dan l-artiklu ġiet ippubblikata bit-titlu *How to get rid of the Bondage of Sin*, fl-edizzjoni bl-Ingliż ta' *The Review of Religions*, f'Jannar tal-1902. Imbagħad, it-traduzzjoni saret minn Wakalat Tasnif, mill-belt ta' Rabwah fil-Pakistan.

Dan it-traduzzjoni bil-Malti saret u ġiet ippubblikata f'Malta, fl-2015, mill-Komunità Aħmadija Musulmana ta' Malta.

Nota tal-Pubblikatur

Għall-informazzjoni tagħkom, il-kliem fl-artiklu li qiegħed fil-parentesi normali ( ) u bejn is-singijiet twal–huwa kliem tal-Messija Mwiegħed[as]. Il-kliem jew frażijiet li jservu ta' spjegazzjoni u li żiedhom it-traduttur b'għan ta' kjarifikazzjoni, dawn huma mqegħdin f'parentesi kwadri [ ].

L-isem ta' Muħammad[sa], il-Qaddis Profeta tal-Iżlam, huwa segwit bis-simbolu [sa], li huwa abbrevjazzjoni tat-tislima *Sallallāhu 'Alaihi Wasallam* (jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu). L-ismijiet ta' Profeti u Qaddejja oħra huma segwiti mis-simbolu [as], abbrevjazzjoni għal *'Alaihissalām* (fuqu s-sliem). It-tislim proprju mhuwiex miktub sħiħ, madanakollu jrid jitqies hekk kull darba li jkun hemm is-simbolu. Is-simbolu [ra] huwa mniżżel wara l-ismijiet tad-dixxipli tal-Qaddis Profeta[sa] u tal-Messija Mwiegħed[as], u jfisser *Raži Allāhu 'anhu/'anhā/'anhum* (jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom). Hekk ukoll, is-simbolu [rh] joqgħod għal *Rahimahullāhu Ta'ālā* (jalla Alla jkollu ħniena minnu), u [aba] joqgħod għal *Ayyadahullāhu Ta'ālā* (jalla Alla s-setgħani jgħinu).

بِسْمِ اللَّهِ الرَّحْمَٰنِ الرَّحِيمِ

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin.

Kif nistgħu nkunu meħlusin mid-dnub

F'dan l-artiklu, għandi l-ħsieb li nuri lid-dinja li waqt li fi żminijietna sar progress materjali, bl-istess mod kien hemm rigress spiritwali, sal-punt li l-erwieħ tal-bnedmin tilfu l-fakultà tagħhom saħansitra li jifhmu l-veritajiet ovvji. Huwa evidenti minn studju fil-qrib dwar l-umanità li forza moħbija u qawwija qed tkaxkarha 'l isfel, u li l-bniedem qed jinġibed b'ħeffa lejn din il-ħofra li hi magħrufa bħala l-qiegħ tal-qiegħ. Tant hija kbira l-bidla li seħħet fl-imħuħ tal-bnedmin, li llum saru jammiraw u jfaħħru ħwejjeġ li huma diżgustanti u mistkerrha mill-għajn spiritwali. Kull ruħ tħoss lilha nnifisha tinġibed 'l isfel minn din il-forza, li bl-influwenza qerrieda tagħha, diġà ġiegħlet dinja sħiħa ssir aktar imħassra. Veritajiet sagri jitwaqqgħu għaċ-ċajt u ż-żuffjett, u s-sottomissjoni sħiħa lejn Alla titqies bħala assurdità. Kull ruħ hija miġbuda lejn id-dinja donnha sfurzata minn xi qawwa moħbija.

Bħalma stqarrejt ħafna drabi qabel, l-attrazzjoni tifforma l-bażi ta' kulma jseħħ fid-dinja, u n-naħa li tkun kapaċi tikkonvinċi l-aktar se tkun dik li tattira l-aktar nies lejha. Hemm kull verità fil-prinċipju li forza tista' tkun megħluba biss minn forza aktar setgħana minnha. Huwa impossibbli għal din id-dinja, li qed

tinġibed ’l isfel mill-qawwa ta’ dawn l-attrazzjonijiet baxxi, li tistejqer mill-ġdid, sakemm qawwa kuntrarja ma tfiġġx missema biex issaħħaħ il-fidi tan-nies u biex turihom li hemm kuntentizza aktar sostanzjali u dejjiema fis-sottomissjoni lejn il-kmandamenti ta’ Alla milli fis-sodisfazzjon tal-passjonijiet karnali, u biex tikkonvinċihom li t-trasgressjoni hija agħar mill-mewt. Dan id-dawl divin ta’ konvinzjoni jingħata lill-bniedem bis-saħħa tax-‘Xemx’, jiġifieri, l-Imam ta’ żmienu, u n-nuqqas ta’ għarfien tiegħu jirriżulta f’mewta ta’ injoranza. Il-persuna li taħseb li m’għandhiex bżonn ta’ dan is-sors ġenwin ta’ dawl titqarraq il-għaliex tkun qiegħdet lilha nnifisha kontra l-liġijiet immutabbli ta’ Alla. L-għajnejn tal-bniedem, anki jekk jippossedu l-fakultà tal-ħars, ma jistgħux jaraw mingħajr ix-xemx. Ix-xemx hija s-sors tad-dawl li jinżel mis-smewwiet u jillumina d-dinja, u mingħajrha għajnejna jitilfu d-dawl. Dak li jikseb il-konvinzjoni permezz ta’ dan id-dawl divin jinġibed lejn il-pjetà, u huwa naturali li tinħoloq ġlieda bejn iż-żewġ attrazzjonijiet, waħda tiġbdu lejn il-virtù u l-oħra lejn il-ħażen, waħda lejn il-Lvant u l-oħra lejn il-Punent. It-taqbida ssir aktar feroċi meta ż-żewġ attrazzjonijiet ikunu fl-aqwa tagħhom – bħal meta jkunu tul iż-żminijiet fejn ikun hemm progress materjali straordinarju. Hekk kif id-dinja tesperjenza avvanzi fenomenali, kunu ċerti li jkunu qed jinħmew tħejjijiet spiritwali u attrazzjoni tkun qed tiġi ffurmata fis-smewwiet biex teħodha kontra dik tad-dinja. Il-ġranet fejn in-negliġenza u l-ħażen jirrenjaw kompletament fuq id-dinja jkunu terribbli, il-għaliex huma magħżula għat-taqbida spiritwali mħabbra mill-Profeti fil-forma ta’ għadd ta’ metafori. Xi whud jiddeskrivuha bħala l-battalja finali bejn l-Anġli tas-sema u x-Xjaten tal-art, li twassal għall-aħħar tad-dinja; oħrajn b’inġenwità jaħsbu li din se tkun battalja fiżika, miġġielda bix-xwabel u l-ixkubetti. Dawn tal-aħħar huma assolutament żbaljati, għaliex jaħsbu li taqbida spiritwali se tkun sempliċement waħda fiżika.

Fil-qosor, ġlieda ħarxa bejn id-dlam tal-art u d-dawl tas-sema

hija imminenti, kif tħabbret mill-Profeti kollha, minn Adam sal-Qaddis Profeta[sa]. Il-mexxej ta' naħa jissejjaħ 'il-Ħabbej tal-Verità', filwaqt li l-mexxej l-ieħor jissejjaħ 'il-Kixxief tal-Verità'. Dak li jfeġġ mis-sema fil-kumpanija tal-anġli huwa l-manifestazzjoni ta' [l-Anġlu] Mikiel, u dak li jfeġġ mill-art bis-setgħat tad-dlam huwa l-manifestazzjoni ta' Satana.

Meta nosservaw il-leġjuni armati sew tad-dinja, bieżla fit-tħejjijiet tagħhom, wara li jkunu diġà wettqu ħafna, għandna nemmnu li r-renju tas-sema wkoll jagħti kas tal-preparazzjonijiet tiegħu. Id-dominju tas-smewwiet huwa kuntrarju għall-ispettaklu u t-tlellix u jwettaq ħafna xogħol mingħajr l-għarfien ta' ħadd. In-nies imbagħad jintebħu b'dan meta jidher dawl fis-sema u minaret abjad fl-art; id-dawl ċelesti mbagħad jaqa' fuq il-minaret u jdawwal lid-dinja kollha.

Din l-aħħar sentenza teħtieġ aktar tifsir. Għalkemm id-dominju spiritwali ta' Alla qiegħed f'armonija sħiħa ma' dak fiżiku, xi kultant huwa jesponi karatteristiċi partikolari li ma tantx jintlemħu malajr fid-dominju fiżiku. Pereżempju, meta tissawwar attrazzjoni dinjija, din twassal għall-formazzjoni ta' attrazzjoni ċelesti, anki jekk it-tnejn ikunu opposti għal xulxin. U għalhekk huwa bir-raġun li meta dawn iż-żewġ attrazzjonijiet jilħqu l-quċċata tagħhom fl-aħħar jiem tad-dinja, huma jikkonfrontaw lil xulxin, għax l-ebda waħda minnhom ma tista' tikseb supremazija mingħajr ma teqred lill-oħra. Meta żewġ naħat ikunu ugwali fil-qawwa u l-glorja, dawn żgur se jeħduha kontra xulxin. Dan mhux biss kien imħabbar fil-kotba kollha tal-Profeti, iżda r-raġuni wkoll titlob li meta żewġ forzi qawwija u kuntrarji għal xulxin jaħbtu ma' xulxin, waħda minnhom trid tegħleb lill-oħra jew inkella t-tnejn li huma jkollhom jinqerdu.

Biex nimxu mad-deskrizzjoni mogħtija fil-kotba tal-Profeti, ġara tassew li meta għaddew elf sena miż-żmien ta' Ġesù[as] –

il-perjodu fejn, skont il-profeziji, ix-Xitan baqa' mxekkel bil-ktajjen – forza malinna bdiet tasserixxi ruħha fid-dinja. Dan kien iż-żmien meta l-Iżlam beda sejjer lura minkejja l-prinċipji nobbli tiegħu; il-progress spiritwali tiegħu waqaf u l-konkwisti dinjin tiegħu ntemmu. L-Iżlam twieled f'epoka meta x-Xitan kien marbut bil-ktajjen – u hekk fil-fatt ġara, kif kienu ħabbru l-Profeti kollha, minn żmien Ġwanni l-imbierek – u infatti r-rovina tal-Iżlam bdiet meta nħeles Satana wara s-sena 1000 wK., u hemmhekk waqaf milli jagħmel aktar progress. Minn dak iż-żmien 'l hawn, nibtu ħafna tipi ta' attivitajiet sataniċi, u s-siġra tal-ħażen bdiet tikber fuq din l-art, sakemm uħud mill-friegħi tagħha xterdu lejn il-Lvant, uħud laħqu l-ibgħad kolonizzazzjonijiet tal-Punent, u oħrajn infirxu mat-Tramuntana u n-Nofsinhar. Hekk kif avvenimenti esterni wrew li l-perjodu ta' priġunerija ta' Satana dam elf sena, iż-żmien tal-libertà tiegħu wkoll se jtul elf sena, hekk kif ipprofetizzaw il-Profeti, u se jasal fi tmiemu mal-bidla tas-seklu erbatax tal-Ħeġira. Dawn l-elf sena għandhom jitqiesu skont il-kalendarju mbierek jew lunari, il-għaliex huwa skont din is-sistema li l-Lhud u l-Musulmani tgħallmu jiddeterminaw iż-żmien [tat-twettiq] tal-profeziji. Il-kalkulazzjonijiet imsejsa fuq il-kalendarju solari huma invenzjoni tal-bniedem u għaldaqstant imorru kontra l-intenzjoni tal-kitbiet sagri.

Dawn, fil-qosor, huma l-aħħar jiem tal-mistrieħ ta' Satana; fil-verità diġà għaddew, għaliex diġà għaddew dsatax-il sena mill-bidu tas-seklu ta' Ħeġira li mmarkaw it-tmiem tal-perjodu ta' libertà tax-Xitan. Huwa, madanakollu, ma jixtieqx jitlef il-poter tiegħu, u għalhekk ġlieda bejn iż-żewġ forzi hija inevitabbli. Dan kien deċiż mill-bidu nett u l-kelma ta' Alla qatt ma tista' tkun falza.

Testimonjanza oħra li turi li dawn huma l-jiem [tal-aħħar battalja], hija li s-sitt millennju mit-twelid ta' Adam, li fih kellu jitfaċċa t-tieni Adam, ukoll għadda. Billi s-sitt jum huwa l-jum

tat-twelid ta' Adam u, skont l-iskritturi, jum jissimbolizza elf sena, irridu naċċettaw li t-tieni Adam diġà qiegħed hawnhekk kif kien wiegħed Alla, anki jekk għadu mhuwiex rikonoxxut kompletament. Irridu nemmnu wkoll li l-lok li għażel Alla għall-miġja tiegħu jinsab fil-Lvant u mhux fil-Punent. Minħabba li Adam ingħata fejn joqgħod fi ġnien lejn il-Lvant (Ġenesi 2:8), it-tieni Adam ukoll irid jidher f'pajjiż tal-Lvant biex ikun bħall-ewwel wieħed. Kemm il-Musulmani kif ukoll l-Insara huma obbligati li jaċċettaw dan il-fatt, għajr jekk naturalment jiddeċiedu li ma jemmnux.

Għaldaqstant, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikultà biex nagħrfu l-verità, il-għaliex huwa pjuttost evidenti li dan huwa ż-żmien tal-aħħar battalja bejn id-dawl u d-dlam. Il-forzi tad-dlam qed jeżerċitaw l-aqwa potenza tagħhom, u huwa inutli naħsbu li jistgħu jiġu megħluba minn xi setgħa oħra ħlief id-dawl li jinżel direttament mis-smewwiet.

Id-dlam ħakem għalkollox lid-dinja u d-dawl bati tal-ġustizzja daqt jintefa. It-twemmin tas-soltu, l-għarfien tradizzjonali u t-talb superfiċjali mhumiex se jġibu lura d-dawl bati tagħha. L-għomja jistgħu jmexxu lill-għomja? Id-dlam jista' jtajjar lid-dlam? Le! Minaret ġdid għandu jinbena fuq l-art li jogħla 'l fuq mid-djar fqar, ħalli l-lampa tas-sema titpoġġa fuqu, u d-dinja kollha tkun tista' tiddawwal bid-dawl tiegħu. Kif jista' d-dawl jilħaq postijiet imbiegħda jekk ma jitpoġġiex xi mkien fil-għoli?

Il-minaret x'jissimbolizza? Jirrappreżenta r-ruħ qaddisa, safja u determinata, li tingħata lil dak il-bniedem perfett li hu den tad-dawl ċelesti u din it-tifsira tinsab fil-kelma 'minaret' innifisha. L-għoli tal-minaret juri r-rieda qawwija ta' dan il-bniedem, is-saħħa tiegħu tixhed il-kuraġġ li dan juri fi żminijiet diffiċli, u l-bjuda naturali tiegħu tirrappreżenta l-innoċenza tiegħu, li fl-aħħar mill-aħħar trid tiġi stabbilita. U meta dan kollu jkun

seħħ, ċoè, meta l-onestà tiegħu tiġi vverifikata bl-argumenti, u s-saħħa, il-konvinzjoni, is-sabar u l-perseveranza tiegħu jkunu evidenti bħal minaret leqqien, il-perjodu tal-ewwel miġja tiegħu – li tkun mimlija provi u sofferenzi – jasal fi tmiemu, u b'hekk issa jkun il-mument ġust għalih biex jitfaċċa fil-glorja. L-ispiritwalità, li hija mimlija bil-glorja Divina, taħkem lil dak li qisu minaret, u timlieh b'setgħat Divini bil-permess ta' Alla. Dan kollu jseħħ fit-tieni miġja tiegħu, u dan huwa eżattament il-mod kif kellu jitfaċċa l-Messija Mwiegħed. It-Tradizzjonijiet, popolari sew mal-Musulmani, li jsemmu, pereżempju, l-inżul tiegħu ħdejn minaret, iridu biss jgħarrfu li l-miġja tiegħu se tkun waħda glorjuża u li se jkun akkumpanjat b'qawwa Divina. Is-Sema żżommu fi ħdanha sakemm Alla jagħżel il-waqt propizju għall-miġja tiegħu, iżda dan ma jfissirx li huwa ma kienx [fiżikament] preżenti f'did-dinja qabel.

Hija wkoll prattika Divina li Huwa juża eżempji fiżiċi biex ifisser xi materji spiritwali. It-Tempju f'Baitul Muqaddas [Ġerusalemm], u l-Kaabah f'Mekka, pereżempju, iservu bħala simboli ta' manifestazzjoni Divina. Huwa f'dan il-kuntest li x-Xarija Iżlamika titħaddet dwar l-inżul tal-Messija Mwiegħed fuq, jew qrib, minaret, f'pajjiż li jinsab lejn il-Lvant ta' Damasku – bħalma Adam ingħata refuġju fil-Lvant. M'hemm xejn ħażin jekk jinbena minaret ta' veru qabel il-miġja glorjuża tiegħu; fil-fatt, huwa rrakkuntat fil-letteratura Ħadit li minaret se jinbena qabel il-miġja tal-Messija Mwiegħed, u se jservi bħala simbolu tad-dehra glorjuża tiegħu.

Il-Messija Mwiegħed għandu jidher f'żewġ epoki. L-ewwel waħda mhu se jkollha xejn speċjali, ħlief li se tkun mimlija b'kull tip ta' sofferenza. Din se tkun segwita minn perjodu ta' glorja, iżda qabel għandu jinbena minaret biex ikun konformi mat-Tradizzjoni li tgħid li l-minaret fiżiku għandu jkun riflessjoni ta' dak spiritwali.

Id-dinja mhix se tirrikonoxxih qabel il-miġja glorjuża tiegħu, għaliex huwa mhuwiex minn ta' did-dinja, u lanqas se tħobbu, il-għaliex ma tħobbx lil Alla minn fejn se jfiġġ hu. Huwa se jkollu jaffaċċja provi iebsa u l-persekuzzjoni, u se jaqilgħu ħafna kalunnji dwaru; tassew, il-profeziji Iżlamiċi ħabbru li l-Messija Mwiegħed għall-bidu ma kienx se jiġi milqugħ, u li nies injoranti kienu se jqarrqu bih. Se jattakkawh inġustament u se jaħsbu li jkunu aġixxew sewwa, u oħrajn se jittormentawh u se jikkunsidraw li l-azzjonijiet tagħhom se jogħġbu lil Alla. Għalhekk huwa se jsofri minn kull tip ta' tribulazzjoni, sakemm jasal il-waqt tal-miġja glorjuża tiegħu li kienet ippjanata minn qabel minn Alla. Imbagħad in-nies b'rieda tajba se jirriflettu: 'X'tip ta' impustur huwa dan li ma jistax jingħeleb? Għalfejn Alla qed jgħin lilu u mhux lilna?' Minħabba f'hekk se jinżel anġlu tal-Mulej f'qalbhom u jwiddibhom: 'Huwa neċessarju li l-profeziji kollha li jinsabu fit-Tradizzjonijiet tagħkom iridu jiġu mwettqa, u allura dan ma jfixkilkomx [milli taċċettaw lill-Messija Mwiegħed]? Jista' jkun li dawn il-profeziji jkunu soġġetti għall-iżball u l-miżinterpretazzjoni, u mhuwiex aċċettabbli li tqisu wħud minnhom bħala metaforiċi? Il-Lhud ma ġewx imċaħħda mill-fidi u l-fortuna talli qagħdu jistennew għalxejn it-twettiq litterali tal-profeziji kollha tagħhom skont ma fehmuhom huma? Meta tqis li huwa l-istess Alla, u t-toroq Tiegħu huma l-istess, huwa possibbli li intom qed tiġu ttestjati bl-istess mod?' Fl-aħħar mill-aħħar qalbhom se tmil lejn il-verità, eżatt bħalma ġara [fiż-żminijiet] fl-imgħoddi [tal-Profeti].

Ikun żball jekk niddikjaraw li fiż-żminijiet tal-lum il-gwerer fiżiċi għandhom jitqanqlu sabiex ixerrdu l-fidi u l-qima lejn Alla. Ix-xabla, aktar milli tikxef is-sbuħija u l-merti tal-verità, taħbihom u tgħattihom fl-ambigwità. Dawk li jħaddnu dan it-twemmin huma għedewwa, u mhux ħbieb, tal-Iżlam. Huma

nies kattivi u m'għandhomx fibra morali, qalbhom hi mgeżwra fl-inċertezza, huma jibilgħu kollox, huma injoranti, u b'hekk jipprovdu lill-għedewwa tal-Iżlam l-opportunità biex isostnu li l-progress tal-Iżlam jiddependi fuq ix-xabla. Dan it-twemmin jagħmel ħsara kbira lill-Iżlam. L-ebda reliġjon m'għandha tirrikorri għall-vjolenza meta hi kapaċi tistabbilixxi l-ġenwinità tagħha bis-saħħa ta' argumenti razzjonali, testimonjanzi li m'għandhomx ikunu dubitati u sinjali divini. Min-naħa l-oħra, l-ebda argument addizzjonali mhu meħtieġ biex jiffalsifika reliġjon li m'għandhiex dawn il-kwalitajiet u li ddur għall-użu tax-xabla biex tpatti għad-dgħufija tagħha. Reliġjon bħal din tkun fil-fatt meqruda bix-xabla tagħha stess.

Il-kritiċi jargumentaw b'mod inġust li jekk il-Ġiħad mhuwiex permissibbli llum il-ġurnata, mela għaliex kien aċċettat fl-ewwel jiem tal-Iżlam? Dawn in-nies donnhom mhumiex konxji li l-Iżlam ma jaċċettax taħt l-ebda ċirkostanza l-użu tal-forza għat-tixrid tal-fidi. Il-Koran Imqaddes jiddikjara kategorikament:

لاَ إِكْرَاهَ فِي الدِّينِ [2:257] M'hemm l-ebda kostrinġiment fir-reliġjon! Ix-xabla ntużat [mill-ewwel Musulmani] għaliex il-barbari tal-Arabja, li kienu tilfu kull sens ta' moralità u l-valuri umani, kienu saru l-għedewwa maħlufa tal-Iżlam. Meta l-Unità ta' Alla u l-verità tal-Iżlam intwerew lilhom bis-saħħa ta' argumenti sodi u ċari, u meta ġie ttimbrat ġo moħħhom li l-idolatrija hija ħażina u li tmur kontra d-dinjità tal-bniedem, ma kinux kapaċi jopponu dawn l-argumenti. L-aktar raġonevoli fosthom, għalhekk, xaqilbu favur l-Iżlam bir-riżultat li l-aħwa nfirdu mill-aħwa u l-ulied infirdu minn mal-ġenituri. Hawnhekk l-idolaturi ma kellhomx għażla ħlief li jikkastigaw bl-aħrax lil dawk li saru Musulmani biex b'hekk iħarsu r-reliġjon falza tagħhom u jbiegħdu lin-nies mill-Iżlam. Dawn il-ħruxijiet twettqu mill-Mexxejja ta' Mekka, fosthom Abū Jahl.

Dawk li huma midħla tal-istorja bikrija tal-Iżlam jafu bla dubju ta' xejn dwar il-krudeltà u l-barbaritá li twettqu mill-avversarji f'Mekka, u bl-għadd ta' persuni innoċenti li nqatlu b'riżultat ta' dan. Imma dan xorta ma skoraġġiex lin-nies milli jħaddnu l-Iżlam. Anki dawk li ma kinux daqshekk intelliġenti setgħu jaraw li t-tagħlim tiegħu kien aktar razzjonali u konvinċenti minn dak ta' dawk li kienu jqimu l-idoli. Meta l-avversarji ntebħu li l-isforzi kollha tagħhom ma kienu qed iwasslu mkien, iddeċidew li l-unika soluzzjoni li kien baqa' kienet li joqtlu lill-Qaddis Profeta[sa], iżda Alla ħelsu minn taħt idejhom u ħadu Medina mingħajr periklu. In-nies ta' Mekka, madanakollu, baqgħu jikkumplottaw kontrih u żiedu l-isforzi tagħhom biex jassassinawh anki f'Medina.

Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, il-Musulmani kellhom jiddefendu lilhom infushom u jpattuha lil dawk li kienu jattakkawhom inġustament. Il-gwerer Iżlamiċi ma ġewx missielta biex tinxtered il-fidi, iżda biex jiġu protetti l-ħajjiet tal-Musulmani. Jista' jkun hemm persuna f'sensiha li temmen li l-Iżlam ma kienx kapaċi jsostni l-Uniċità ta' Alla quddiem dawk li kienu jqimu l-idoli – li kienu jaduraw idoli tal-ġebel u affarijiet bla ħajja oħra u li kienu medhija b'kull tip ta' vizzju – u għalhekk kellu jaqbad ix-xabla għal din ir-raġuni? Allaħares! Dawn l-allegazzjonijiet huma bla bażi u dawk li jagħmluhom ikunu qed iwettqu inġustizzja serja kontra l-Iżlam għaliex ikunu qed jaħbu l-verità.

Il-Malawis [*clerics* Musulmani] ukoll taw sehemhom biex titkompla din l-inġustizzja, iżda kjeriċi Kristjani mhumiex inqas ħatja, għaliex huma wkoll ippruvaw idaħħlu dawn l-ideat fl-imħuħ tal-Musulmani, billi ppronunzjaw l-editti tal-Malawis boloh. Meta l-Musulmani jisimgħu lill-Malawis tagħhom joħorġu l-editti favur il-Ġiħad, u jisimgħu lill-kjeriċi Kristjani

– li huma wkoll skulari mill-aqwa – iqajmu l-istess oġġezzjoni kontra l-Iżlam, huma jissottomettu lilhom infushom għall-kunċett li l-Iżlam jinkoraġġixxi dan it-tip ta' Ġiħad. Dawn iż-żewġ pożizzjonijiet ħolqu dawn l-oġġezzjonijiet bla bażi kontra l-Iżlam.

Kieku l-kleru Kristjan ma addottax dawn l-ideat u kieku huma onestament u sinċerament ammettew li l-editti tal-Malawis kienu bbażati fuq injoranza grassa, u kieku ċ-ċirkostanzi li wasslu għal Ġiħad fl-ewwel jiem tal-Iżlam mhumiex preżenti saħansitra llum il-ġurnata, din l-idea ta' dan it-tip ta' Ġiħad kienet tiġi eliminata mid-dinja. Iżda ma rnexxilhomx jifhmu dan, billi kienu aktar immexxija mill-passjonijiet tagħhom milli mir-raġuni.

Alla ppermetta biss lill-Musulmani biex jiġġieldu meta Huwa ra li l-infidili kien ħaqqhom il-mewt minħabba l-atroċitajiet tagħhom. Iżda Huwa għamel ukoll provvediment biex kull min iħaddan l-Iżlam ikun salvat. Għandu mnejn kien dan li wassal lill-kritiċi biex jaslu għal konklużjonijiet żbaljati. Huma donnhom ma jistgħux jifhmu li dan il-provvediment ma kienx ibbażat fuq l-isfurzar iżda fuq l-għoti tal-maħfra lil dawk li kien ħaqqhom imutu. Li tgħid li dan it-tagħlim huwa manipulattiv huwa l-qofol tal-assurdità. Huma kien ħaqqhom il-kastig, mhux għaliex ma kinux Musulmani, iżda għaliex kienu qattiela. U billi Alla kien jaf li huma kienu fehmu perfettament is-sewwa tal-Iżlam, għaldaqstant, bis-saħħa tal-ħniena Tiegħu, Huwa tahom iċ-ċans biex ipattu għal dnubiethom. Dan jixhed aktar li l-Iżlam ma kien jisforza lil ħadd, anzi kien joffri opportunità lil dawk li suppost inqatlu għad-dmija li ċarċru.

Il-Musulmani għaddew minn ħafna sofferenzi, u l-livell ta' preġudizzju kontrihom tant kien għoli li jekk membru ta' tribù kien iħaddan l-Iżlam dan kien jinqatel minnufih jew inkella kien ikollu jqatta' ħajtu kollha mbeżża' li se jinqatel. Il-

Musulmani kellhom jissieltu biex jirbħu s-sliem. Iżda anki taħt dawn iċ-ċirkostanzi diffiċli, huma qatt ma kienu jisiltu x-xabla ħlief meta jinqalgħu ż-żewġ kundizzjonijiet ta' gwerra. Il-gwerra dejjem kienet sfurzata fuqhom u huma qatt ma ġġieldu bl-intenzjoni li jxerrdu l-fidi. Huma ġġieldu biss għas-sigurtà u l-protezzjoni tagħhom infushom, iżda aktar tard Malawis injoranti riedu jagħtu tifsira differenti għal dan u bdew jieħdu pjaċir b'affarijiet barbari u moqżieża. Iżda jkun inġust li tintefa' l-ħtija fuq it-tagħlim tal-Iżlam. Il-ħtija għandha tintefa' kompletament fuq dawk li m'għandhom l-ebda stima lejn il-ħajja umana, u li huma tant għatxana għad-demm li jistennew bil-ħerqa għal Maħdi li, huma jemmnu, iwassal għat-tixrid tad-demm. Huma jixtiequ jikkonvinċu lin-nies li l-Iżlam dejjem iddependa fuq il-forza u l-manipulazzjoni għall-propaganda tiegħu u li m'għandu l-ebda verità fit-tagħlim tiegħu.

Il-Malawis donnhom li mhumiex kuntenti b'dan it-taħsir tal-Iżlam, għaliex jixtiequ jħammġuh ħafna aktar bit-tixrid ta' dawn l-ideat. Ibqgħu ċerti, madanakollu, li Alla qatt mhu se jħalli 'l-Iżlam jispiċċa fil-mira ta' dawn il-kalunnji. Kulma qed jagħmlu l-avversarji boloh tagħna huwa li qed iħaffru l-qabar tagħhom stess billi baqgħu mwaħħlin ma' din l-idea li l-Iżlam inxtered bis-saħħa tax-xabla mill-bidu nett tiegħu. Issa wasal iż-żmien li nwarrbu din l-idea falza minn moħħna u mhux nibqgħu nippromovuha. Il-Malawis jagħmlu favur kbir lill-Iżlam jekk jingħaqdu biex itajru dan il-kunċett mill-imħuħ ta' Musulmani injoranti. Jekk iwettqu dan, ma jkunux qed jgħinu biss biex jikxfu l-merti u s-sbuħija tal-Iżlam, iżda jkunu qed iwarrbu l-istmerrija li l-avversarji reliġjużi għandhom minħabba l-ideat żbaljati tagħhom, u jkunu jistgħu jgawdu minn din il-funtana ta' dawl.

Bħalma qattiel ibeżża' lil kulħadd, speċjalment lin-nisa u lit-tfal, hekk ukoll in-nies ta' reliġjonijiet oħra huma mbeżżgħin minn dawk il-Musulmani li jħaddnu dawn l-ideat dwar il-

Ġiħad. Jitwerwru mill-idea li jqattgħu lejl fil-kumpanija tagħhom, li ma jmurx dawn il-fanatiċi jkunu jixtiequ jsiru *għāzīs* [difensuri tal-Iżlam] billi joqtlu lill-mistednin tagħhom. Hemm individwi fuq il-Fruntiera li jaħsbu li b'dan l-att ta' 'ħniena' jkun ħaqqhom il-Ġenna bil-premjijiet kollha tagħha. Il-Musulmani misshom jistħu li nies ta' reliġjonijiet oħra m'għadhomx iħossuhom siguri fil-preżenza tagħhom, u dejjem jistennew l-agħar mingħandhom. Jiena ltqajt ma' ħafna nies li huma mbeżżgħin minħabba dan il-ħsieb mistur li għandhom dwar il-Musulmani.

Wieħed Ingliż ġie jżur Kadjan fl-20 ta' Novembru, 1901, jew xi ħaġa hekk. Dak il-ħin ħafna mid-dixxipli tiegħi kienu qegħdin miegħi u konna medhijin f'dibattitu dwar ir-reliġjon. Huwa qagħad hemm għal xi ħin sakemm aħna ġentilment stedinnieh biex jingħaqad magħna. Imbagħad huwa introduċa ruħu bħala turist Ingliż li żar ukoll l-Arabja, u wera x-xewqa li jieħu ftit ritratti tal-Komunità tiegħi. Aħna aċċettajna t-talba tiegħu u wara staqsejnieh jekk riedx jibqa' magħna għal ftit jiem. Iżda huwa donnu beda jsibha bi tqila biex jaċċetta u qalilna li sema' b'ħafna Nsara li nqatlu bla ħniena mill-Musulmani, u rrakkonta wkoll xi inċidenti li huwa kien ra f'Bagdad. Imma aħna fissirnielu li l-Komunità tagħna, magħrufa bħala d-denominazzjoni Aħmadija, kienet teħodha bil-qawwa kontra dawn l-ideat u kienet tistmerr lil kull min iwettaq dawn l-atroċitajiet, u l-missjoni ewlenija tagħna lejn l-umanità kienet li nippruvaw neqirdu dawn l-istess ideat. Dan issodisfah u huwa qatta' l-lejl flimkien magħna.

L-għan tar-rakkont ta' dan l-episodju huwa biex nuru li dawn l-ideat, li jmorru kontra t-tagħlim ġenwin tal-Iżlam, xellfu l-immaġni tiegħu f'għajnejn in-nies ta' reliġjonijiet oħra, u ġagħluhom jimtlew bil-mibegħda u n-nuqqas ta' fiduċja fil-Musulmani. Huma jistennew simpatija sinċiera minn dawk il-Musulmani biss li mhumiex inklinati għar-reliġjon u ma

jimpurtahomx mill-prinċipji tal-fidi. Hemm sfiduċja kbira kontra l-Iżlam u, sfortunatament, huma l-Musulmani nfushom li jaħtu għal dan kollu. Jista' jkun hemm dnub akbar milli ċċaħħad lid-dinja mill-benedizzjonijiet tal-Iżlam – bħalma għamlu l-mexxejja reliġjużi Musulmani u d-dixxipli tagħhom – u tista' reliġjon bħal din tibqa' titqies bħala Divina meta mhix kapaċi tinfiltra t-tagħlim tagħha fil-qlub tan-nies mingħajr it-tixjir tax-xabla? Le, reliġjon ta' vera hija dik li l-argumenti sodi u l-merti ġewwiena tagħha jservu ta' xabla, u ma jkollha bżonn l-ebda xabla tal-azzar.

It-taħsir attwali tal-Iżlam jeħtieġ Riformatur. Illum l-Iżlam jinsab fi stat prekarju ħafna, u d-dawl tiegħu kważi ntefa għalkollox. Il-Musulmani żbaljaw mhux biss fil-prinċipji tagħhom iżda wkoll fl-użanzi tagħhom. Ħolqu xi Tradizzjonijiet li mhux biss affettwaw negattivament il-karattru tagħhom, imma jmorru wkoll kontra l-liġi Divina tan-natura. Pereżempju, il-liġi Divina waqqfet tliet drittijiet fundamentali tal-bniedem: wieħed m'għandux joqtol persuna innoċenti, wieħed m'għandux ifarrak l-unur ta' ħaddieħor, u wieħed m'għandux jakkwista b'mod qarrieqi l-proprjetà ta' persuna oħra. Iżda, madanakollu, hemm Musulmani li jiksruhom kollha dawn il-kmandamenti. Huma joqtlu nies innoċenti u ma jibżgħux minn Alla, u l-Malawis boloh tagħhom saħansitra ħarġu editti fejn iddikjaraw li huwa leġittimu li jittantaw jew jaħtfu nisa ta' reliġjonijiet oħra – li huma jikkunsidraw pagani – u jeħduhom bħala n-nisa tagħhom. Hekk ukoll, jikkunsidraw leġittimu t-teħid b'qerq jew serq ta' proprjetà ta' nies li ma jemmnux. Immaġinaw l-istat inkwetanti ta' dik ir-reliġjon li l-Malawis tagħha joħorġu dawn it-tip ta' editti! Dan kollu huwa xogħol ta' nies egoisti li b'mod żbaljat jattribwixxu dan it-tagħlim lil Alla u lill-Messaġġier Tiegħu. Għandhom iġorru r-responsabbiltà ta' dawn id-dnubiet kollha li qed jitwettqu minn Musulmani injoranti. Huma bħal ilpup libsin ta' nagħaġ, iqarrqu bin-nies, huma velenu iżda jilagħbuha ta' antidotu fejjiedi. Jaħbu

l-malizzja li għandhom lejn l-Iżlam u l-ħlejjaq ta' Alla u qlubhom neqsin mill-kompassjoni u l-mogħdrija, imma huma jippretendu xort'oħra. Il-prietki tagħhom jiżgwidaw lin-nies u jsiru b'mod biex jinqdew l-interessi tagħhom stess. Jidħlu fil-moskej jilagħbuha ta' qaddisin meta fil-verità jkunu qed jaħbu l-karattru moqżież tagħhom. M'iniex qed nirreferi għal xi pajjiż, belt jew setta partikolari. Id-dinja Musulmana hija mimlija b'dawk li jsejħu lilhom infushom *ulema* [akkademiċi] li jilagħbuha ta' Malawis, u jassumu bixra spiritwali biex jidhru devoti, iżda l-għemejjel tagħhom jikxfu l-vera natural u l-karattru tagħhom. Huma ma jixtiqux li t-tjubija u l-mogħdrija jinxterdu fid-dinja, għaliex dan imur kontra l-interessi tagħhom stess.

Għaldaqstant l-Iżlam illum hu mifni bil-problemi. Il-maġġoranza tal-qlub huma mejta u m'hemm l-ebda moviment ħaj li jwassal lejn it-tjubija. It-triq tal-moderazzjoni ġiet abbandunata u hemm saħansitra setta li qed titlob ħdejn l-oqbra tal-qaddisin u toqgħod iddur madwarhom – *Tawaf* – bħalma jsir madwar il-Kaabah. Huma jemmnu li l-erwieħ tal-qaddisin mejta tagħhom huma omnipotenti u li din is-setgħa ngħatat lilhom minn Alla. Il-maġġoranza ta' dawn in-niċeċ huma mibnija madwar oqbra li l-kustodji tagħhom jistennew lid-dixxipli tagħhom li joqogħdu jadurawhom. Jekk ikun meħtieġ miraklu, jissemmew eluf ta' mirakli tal-qaddis mingħajr ma jkun hemm l-ebda traċċa ta' evidenza. Minħabba li dan kollu jitqies bħala l-essenza tal-Iżlam, in-nies ta' dawn is-setet iqisu lill-Musulmani l-oħra kollha bħala żgwidati.

Filwaqt li dawn in-nies marru f'estrem, hemm oħrajn li marru fl-estrem l-ieħor, billi qabżu l-limiti kollha fit-tiċħid tal-benedizzjonijiet spiritwali. Ejja ninsew il-qdusija, dawn in-nies lanqas lejn il-profetiżmu m'għandhom l-iċken stima. Huma ma jemmnux fil-mirakli, anzi jwaqqgħuhom għaċ-ċajt u ż-żuffjett,

u jqisu r-rivelazzjoni bħala kreazzjoni tal-moħħ ta' dak li jkun, maħluqa minn intelliġenza inerenti. Huma jikkonsidraw il-profeziji, li mhumiex riżultat tal-ħila tal-individwu li jara fil-futur u jagħmlu parti biss mir-renju ta' dak kollu li ma jidhirx, bħala impossibbli li jseħħu. Huma jemmnu li l-ebda rivelazzjoni mhi ġejja minn Alla, li m'hemm l-ebda verità fil-mirakli u fil-profeziji, li l-oqbra tal-mejtin huma biss imniezel ta' ħamrija bl-ebda relazzjoni mal-erwieħ, li l-jum ta' resurrezzjoni huwa biss ħrafa li tmur lura għall-epoka tal-injoranza, u li t-tħassib dwar il-ħajja wara l-mewt hu kollu ġenn. Huma jemmnu li l-għerf kollu jinsab fl-akkwist ta' affarijiet materjali u fil-bżonn li ssegwi u timita lil dawk li jħabirku bla rażan għall-konkwista tad-dinja. Dawn huma l-pożizzjonijiet estremi li ħadu l-Musulmani dwar il-Profetiżmu u r-Resurrezzjoni.

Anki fl-imġiba ta' kuljum tagħhom, insibu 'l-Musulmani fiż-żewġ estremi tal-ispettru. M'għandhom l-ebda sens ta' moderazzjoni fil-kliem, fl-azzjonijiet, fil-morali, fiż-żwieġ, fid-divorzju, fl-infiq tal-flus, fil-ħela, fir-rabja, fil-ħniena, fil-vendikazzjoni, jew fil-maħfra. Jinsabu f'dilemma stramba; l-injoranza tagħhom hi bla limiti u t-trasgressjoni tagħhom ma tieqaf qatt. Jekk dawn in-nies, li jgħidu li jemmnu fit-*Tauhīd* [l-Unità ta' Alla] u l-moderazzjoni, qabżu l-limiti kollha, mela hemm għalfejn nilmentaw dwar il-qagħda ta' nies oħra ta' reliġjonijiet oħrajn?

L-Insara jgħixu f'parti tad-dinja li hija magħrufa għall-ħila intellettwali tagħha. Dan kellu jkun sors ta' tama kbira, iżda jiddispjaċini ngħid li huma jxejnu l-għarfien miksub tagħhom dwar ix-xjenza u l-filosofija meta jittrattaw suġġetti dwar ir-reliġjon u l-Unità ta' Alla. Meta nħarsu lejn il-proġetti dinjin tagħhom u l-metodi sistematiċi tagħhom u kif jirnexxilhom jivvintaw industriji ġodda kważi kuljum, u mbagħad nosservaw l-għarfien patetiku tagħhom dwar Alla u kif waslu biex għarfu

bniedem umli bħala l-Mulej tad-dinja, aħna nibqgħu ma nistgħux nifhmu kif l-intelliġenza tagħhom teċċella b'mod inkredibbli f'materji dinjin imbagħad tfalli kompletament meta tiġi biex tirrikonoxxi lil Alla!

Id-differenza bejn l-opinjonijiet estremi tal-Musulmani u l-Insara hija li, filwaqt li ħafna Musulmani jiksru d-drittijiet ta' sħabhom il-bnedmin, l-Insara min-naħa l-oħra jiksru d-drittijiet ta' Alla. Il-Musulmani ma baqgħalhomx imħabba u mogħdrija lejn sħabhom il-bnedmin il-għaliex l-ideat żbaljati tagħhom dwar il-Ġiħad ġabuhom b'qalbhom iebsa. Infatti, xi whud minnhom li huma vera kattivi lesti li joqtlu mingħajr eżitazzjoni nies innoċenti għal ftit profitti personali jew minħabba xi ispirazzjoni dijabolika, u lanqas joqogħdu lura milli jumiljaw lin-nies jew jaħtfulhom il-proprjetà tagħhom. Billi ma jirrispettawx dawn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, huma jħammġu l-immaġni proprja tal-umanità. Issa dwar l-Insara, dawn farrku d-drittijiet tas-Setgħani b'kull mod possibbli.

Bla ħsieb ta' xejn għażlu persuna modesta biex tkun Alla tagħhom, iżda xorta ma waslux biex jilħqu l-għan tagħhom li jiksbu s-salvazzjoni. Jekk it-twemmin fil-Kruċifissjoni ta' Kristu kien l-uniku rimedju biex jeħilsu mid-dnub, għalfejn dan falla fil-każ ta' ħafna Ewropej li jieħdu sehem f'atti moqżieża li wieħed għandu saħansitra jistħi jitħaddet dwarhom? Huma laħqu livell straordinarju fejn jidħlu d-dnub u t-trasgressjoni, u ma nistgħux ngħidu li huma b'xi mod jew ieħor anqas immorali mill-Ażjatiċi. Meta nqisu dan kollu, mela għalfejn dan ir-rimedju antikwat ma ġiex mibdul? Anki f'din il-ħajja qasira, kull tabib u pazjent jara li jekk il-kura ma tkunx ħalliet l-effett mixtieq fi żmien ġimgħa jew xi ħaġa hekk, mela din trid tinbidel b'alternattiva aħjar. Mela għalfejn dan ir-rimedju [tal-Kruċifissjoni] ma ġiex mibdul sal-ġurnata tal-lum, meta

n-nuqqas ta' siwi tiegħu ntwera espliċitament? Wara dsatax-il mitt sena bla fejda, għadu jiswa li temmen li l-fidi fil-Kruċifissjoni se twassal għas-salvazzjoni vera? Minkejja l-fatt li sa issa ma dehru l-ebda sinjali, għadu għaqli li tibqa' tittama li għad jasal iż-żmien meta l-Insara jibqgħu 'l bogħod mill-ħażen u n-nuqqas ta' kontroll aktar min-nies ta' reliġjonijiet oħra?

Kull min jgħix ġo pajjiż Ewropew jista' jixhed, anzi kull persuna sensibbli li żaret l-Ewropa u qattgħet xi żmien f'Pariġi jew fi bliet oħra mhix se toqgħod taħsibha biex tiddikjara, li f'ċerti partijiet tal-kontinent in-nies m'għadhomx iqisu l-adulterju bħala dnub. Jikkunsidraw il-poligamija bħala illegali, iżda ma jaraw xejn ħażin fil-ħars imxennaq lejn in-nisa. Fi Franza hemm eluf ta' nisa li ma jħossux il-bżonn li jiżżewġu. Dan kollu qed iseħħ għaliex instab xi vers ġdid fil-Bibbja li jagħmel dawn l-affarijiet kollha leġittimi, jew għaliex id-demm ta' Kristu ħalla l-effett oppost u l-wegħda tas-salvazzjoni ma rrealizzatx ruħha? Il-fatt hu li dan qatt ma kien ir-rimedju korrett, għaliex il-mewt ta' persuna waħda ma tistax taffettwa s-salvazzjoni ta' persuna oħra; anzi l-benedizzjonijiet kollha jitnisslu minn Alla Ħaj, mhux wieħed mejjet; u d-dawl jiddi 'l quddiem meta x-xemx titla' u mhux meta tinżel.

Il-falliment ta' dan ir-rimedju li jiggarantixxi l-ħelsien mid-dnub igiddeb ukoll it-twemmin li l-iben ta' Alla ta ħajtu għal dan il-għan. Qatt ma nistgħu nattribwixxu lil Alla mewta fejn Huwa jissagrifika Ħajtu stess u fl-istess waqt ifalli milli jilħaq l-għan Tiegħu. Tmur kontra l-liġi eterna ta' Alla wkoll l-idea li Alla għandu jissottometti lilu nnifsu għall-mewt u l-mortalità u d-dgħufija u d-degradazzjoni u t-twelid minn ġuf ta' mara. M'hemm l-ebda preċedent li jikkonferma dan il-kunċett – ikun ta' sodisfazzjon kieku nafu li Alla għadda minn esperjenza ta' twelidiet simili għadd ta' drabi qabel – u lanqas huwa

sostanzjat mit-tip ta' mirakli Divini li l-bniedem qatt ma jista' juri bis-saħħa tiegħu stess. Aktar minn hekk, din l-idea qatt ma kisbet l-għan tagħha. Mhuwiex vera li l-Ewropej jikkuntentaw irwieħhom bla raġan fix-xorb u s-sess, l-akbar żewġ dnubiet li jissodisfaw il-passjonijiet tal-ġisem, u mhuwiex vera li l-maġġoranza tal-irġiel u n-nisa fl-Ewropa jieħdu sehem sewwa fit-twettiq ta' dawn iż-żewġ dnubiet? Ma nkunux qed nesaġeraw meta ngħidu li l-Ewropa qabżet lin-nazzjonijiet tal-Ażja fil-konsum tal-alkoħol. Fl-Ewropa, tant hemm ħwienet li jbigħu l-inbid li l-għadd tagħhom jisboq l-għadd tal-ħwienet kollha fil-bliet u l-irħula tagħna. L-esperjenza turina li x-xorb huwa l-għerq ta' kull ħażen, il-għaliex, f'qasir żmien, iħawwad persuna sal-punt li din saħansitra tkun lesta li toqtol lil xi ħadd, mingħajr ma noqogħdu nsemmu d-dnubiet l-oħra li dan iġib miegħu. Jiena niddikjara bla dubju ta' xejn li x-xorb u l-biża' ta' Alla qatt ma jistgħu jmorru flimkien, u ma jistax jissejjaħ għaqli dak li ma jifhimx il-konsegwenzi ħżiena tal-konsum tal-alkoħol. Ħaġa oħra perikoluża fit-teħid tal-alkoħol hija li mhux kulħadd ikun jista' jieqaf meta dan ikun sar vizzju.

Jekk id-demm ta' Kristu ma jistax isaffi lill-bniedem minn dnubietu, xi ħaġa li bla dubju ta' xejn falliet, mela hemm mod ieħor kif wieħed jista' jikseb is-salvazzjoni? Wara kollox, ħajja ta' dnub hi agħar mill-mewt. Bi tweġiba għal dan nista' ngħid, anki mill-esperjenza personali tiegħi stess, li mill-bidu tal-eżistenza tal-bniedem sa dawn il-jiem aħħarija tad-dinja kien hemm mod wieħed biss ta' kif stajna nevitaw id-dnub u d-diżubbidjenza. Meta l-bniedem jottjeni l-għarfien sħiħ ta' Alla, bis-saħħa ta' argumenti kategoriċi u sinjali mdawla, u jkun kważi ġie wiċċ imb wiċċ Miegħu, huwa jirrealizza li l-korla Divina hija nar li jeqred kollox; u meta Alla juri s-sbuħija Tiegħu lill-bniedem, dan jintebaħ li Fih biss hemm il-kuntentizza perfetta. Għaldaqstant l-ostakli kollha bejnu u bejn il-maestà u s-sbuħija Divina jgħibu, u b'hekk il-passjonijiet egoistiċi jkunu jistgħu jiġi kkontrollati u r-riformazzjoni vera

tkun tista' tiġi attwata.

It-tweġiba tiegħi tista' toħloq din ir-reazzjoni: "Aħna ma nemmnux f'Alla? Ma nibżgħux Minnu? Mhux in-nies kollha, bl-eċċezzjoni ta' xi wħud, jemmnu Fih? U mhux xorta jwettqu kull tip ta' dnub, u huma involuti f'kull tip ta' ħażen u sagrileġġ?" Jiena ngħid li hemm differenza kbira bejn il-fidi u l-konoxxenza sħiħa. M'iniex ngħid li kull min jemmen huwa kapaċi li jitrażżan mid-dnub, qiegħed ngħid li huwa biss dak li jagħraf verament lil Alla li jista' jipproteġi lilu nnifsu mid-dnub, il-għaliex huwa esperjenza l-biża' Divin kif ukoll l-imħabba Divina.

Nistgħu nsaqsu wkoll, "Għaliex ix-Xitan ma jobdix lil Alla meta huwa jippossjedi għarfien sħiħ?" It-tweġiba hija li x-Xitan m'għandux dak it-tip t'għarfien li huwa mogħti lil dawk li tassew jistħoqqilhom. Il-bniedem, min-natura tiegħu stess, jiġi affettwat mill-għarfien, u jitbiegħed mill-mogħdija tad-distruzzjoni meta din tikxef is-sura odjuża tagħha. Il-fidi biss tfisser li taċċetta xi ħaġa b'fiduċja sħiħa filwaqt li għarfien sħiħ ifisser li tesperjenza fil-verità dik il-fidi. Huwa impossibbli li l-għarfien sħiħ – *Maarifat* – u d-dnub jgħixu f'qalb waħda, daqskemm huwa impossibbli li jkollna d-dawl u d-dlam fl-istess ħin.

L-esperjenza ta' kuljum tagħna turina li aħna ninġibdu mal-ewwel lejn dawk l-affarijiet li huma ta' benefiċċju għalina u fl-istess ħin nevitaw dawk li jbeżżgħuna. Pereżempju, jekk inti ma tafx li dak li qed iżżomm f'idek huwa velenu, u qed timmaġina li huwa biss zokkor tal-bambù jew xi duwa fejjieda oħra, ma toqgħodx taħsibha biex tiekol għaxar jew anki għoxrin gramma minnu; imma jekk inti taf li għandek velenu perikoluż li jista' joqtlok minnufih, inti żgur ma tazzardax li tieħu mqar gramma minnu. Bl-istess mod, meta l-bniedem jintebaħ ġenwinament li Alla jeżisti u li kull dnub huwa punibbli f'għajnejh [Alla],

huwa jżomm lura minn kull dnub, ikunx serq, tixrid ta' demm, fornikazzjoni, krudeltà, ksur ta' fiduċja, tisħib ma' Alla, falzità, xhieda falza, arroganza, tlellix għal għajnejn in-nies, l-akkwist tal-ġid b'qerq, tradiment, dagħa, frodi, żlealtà, l-għażla ta' ħajja ta' żdingar, ingratitudni lejn Alla, nuqqas ta' biża' Minnu, nuqqas ta' ħniena mal-ħlejjaq Tiegħu, li ma tiftakarx Fih b'biża' u umiltà, li tkun mitluf fl-akkwisti ta' kumditajiet u pjaċiri tad-dinja, li tinsa min hu l-aqwa Benefattur, li ma tagħtix kas it-talb u l-umiltà, bejgħ ta' ħwejjeġ imbagħbsin biex ikunu ta' kwalità inferjuri, li ma tagħmilx l-almu tiegħek, qtugħ ta' prezzijiet, li ma tiħux ħsieb il-ġenituri tiegħek, li ma tittrattax lil martek sewwa, li ma tobdix lil żewġek, ħars żieni lejn irġiel jew nisa oħra, li ma tagħtix kas il-ħtiġijiet tal-orfni, tad-dgħajfa u l-batuti, li ma tagħtix kas id-drittijiet tal-ġirien, li twaqqa' għaċ-ċajt lill-oħrajn biex inti turi s-superjorità tiegħek, tkażbir tan-nies bi kliem li jweġġagħhom, li tipponta lejn id-difetti fiżiċi ta' xi ħadd biex tumiljah, it-tagħjir u l-malafama, xħit tal-gideb fuq Alla, jew Alla jilliberana, id-dikjarar falz li inti Profeta jew Messaġġier, iċ-ċħid tal-eżistenza ta' Alla, ir-ribelljoni kontra mexxej ġust, u li malizzjożament toħloq id-diżordni fil-pajjiż.

Jekk xi ħadd jinsisti li jeżisti mod ieħor ta' kif wieħed jikseb is-salvazzjoni, il-għaliex il-fidi mhijiex kalkolu tad-dnub, inwieġeb billi ngħid li ħadd ma jwettaq dnub wieħed biss li kieku jkun ċert li se tolqtu sajjetta jekk jagħmel dan. Ħadd ma jista' jmeri l-loġika wara dan l-argument. Aħsbu ftit, intom twettqu xi ħaġa ħażina meta tkunu ċerti li wara se jkun hemm il-kastig? Tqiegħdu idkom fin-nar, jew tintefgħu għal isfel minn muntanja, jew taqżbu ġewwa bir, jew timteddu quddiem ferrovija miexja, jew tpoġġu idkom f'ħalq annimal salvaġġ, jew tieħdu gost tingidmu minn kelb irrabjat, jew tibqgħu wieqfa f'nofs maltempata kbira? Ma toħorġux tiġru minn dar li tkun se tiġġarraf, jew taqbżu minn sodda li jkun hemm serp fiha, jew taħarbu minn bini li jkun qed jaqbad? Jekk intom

ħerqana li tevitaw dawn il-perikli li jistgħu jseħħu, mela għalfejn ma toqogħdux lura minn dawk id-dnubiet li għadni kif semmejt? It-tweġiba, li persuna għaqlija toħroġ biha wara li tkun irriflettiet sewwa, tkun li din il-kontradizzjoni tinħoloq minħabba d-differenza fil-mod ta' kif inħarsu lejn iż-żewġ affarijiet. Ħafna nies m'għandhomx għarfien biżżejjed tad-dnub u, minkejja li jafu kemm jagħmel ħsara, ma jaħarbuhx daqskemm jistgħu jaħarbu quddiem iljun jew serp. Fil-fond ta' qalbhom, ma jemmnux verament li jistgħu jiġu kkastigati għall-għemil ħażin tagħhom. Saħansitra jiddubitaw jekk Alla jeżistix verament, u, anki jekk jeżisti, jekk l-erwieħ tagħhom isalvawx wara l-mewt, u anki jekk isalvaw, jekk jiġux verament ikkastigati għal dnubiethom. Ħafna nies ikollhom dawn il-ħsibijiet mingħajr ma joqogħdu jgħarbluhom sewwa. Iżda, fl-istess ħin, huma jevitaw il-perikli kollha li jiena semmejt qabel, il-għaliex jibżgħu minn mewta ċerta jekk ikunu f'xi sitwazzjoni simili, u jekk jiġu wiċċ imb wiċċ ma' xi periklu minn dawn jagħmlu minn kollox biex jaħarbu minnu minnufih. Il-fatt huwa li l-bniedem huwa ċert mill-konsegwenzi koroh ta' dawn l-affarijiet, iżda, fil-każ ta' twissijiet reliġjużi, huwa ma jħossux ċert u l-għarfien tiegħu huwa msejjes biss fuq is-suppożizzjoni u l-mit, minflok fuq l-esperjenza personali, u l-miti ma jistgħux jgħinu lill-bniedem jillibera lilu nnifsu mid-dnub. Għaldaqstant, lanqas jekk jiġu msallba elf Messija, dawn qatt ma jistgħu jġibu s-salvazzjoni vera, il-għaliex id-dnub jinħeles biss jew b'biża' sħiħ jew bi mħabba sħiħa. Il-Kruċifissjoni ta' Kristu, li fiha nnifisha hija idea falza, m'għandha x'taqsam xejn mal-waqfien taż-żieda fid-dnub. Kunu konxji li din id-duttrina hija bbażata fuq l-injoranza, l-esperjenza tagħna ma tirrikonoxxihiex, u s-suwiċidju tal-Messija ma jistax jifdi n-nies mid-dnubiet tagħhom. Il-kunċett proprju tas-salvazzjoni vera huwa li l-bniedem għandu jkun mifdi mill-infern tad-dnub f'din id-dinja stess. Ġew mifdija minnu l-Insara meta nikkunsidraw dawn l-istejjer, jew qatt kien hemm xi ħadd li salva bis-saħħa ta' dawn il-ħrejjef assurdi,

li m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-verità u mas-salvazzjoni vera?

Ħarsu lejn il-Lvant u lejn il-Punent, u ma ssibu lil ħadd li kiseb, bis-saħħa ta' dawn il-leġġendi, is-safa li twassal għaċ-ċertezza dwar Alla. Din is-safa mhux biss iġġiegħel lill-bniedem jeħodha kontra d-dnub, iżda għalih is-sodisfazzjon tal-verità ssir tixbah il-frott tal-Ġenna, u ruħu tiġri bħall-ilma minn fuq l-għatba ta' Alla, u dawl jinżel mis-sema u jtajjar id-dlamijiet egoistiċi kollha. Pereżempju, meta t-twieqi kollha ta' kamra jinfetħu fid-dawl tal-jum, din mill-ewwel timtela bid-dawl tax-xemx; iżda jekk jibqgħu magħluqin, l-ebda ammont ta' ħrejjef u leġġendi mhu se jdaħħal id-dawl ġewwa. Wieħed irid iqum u jiftaħ it-twieqi qabel ma d-dawl jista' jinfiltra l-kamra. Bl-istess mod, billi wieħed jaħseb biss dwar l-ilma mhux se jinqatagħlu l-għatx; irid b'xi mod ikollu l-ilma u jitfgħu ġo ħalqu biex ikun imxebba'.

L-ilma li jaqta' l-għatx u jitfi n-nar tad-dnub mhu xejn ħlief iċ-ċertezza. Xejn iżjed taħt il-kappa tax-xemx ma jista' jkun daqshekk utli; l-ebda salib mhu se jifdi d-dnubiet tagħkom u l-ebda demm mhu se jrażżan il-passjonijiet tal-ġisem tagħkom, għax dawn m'għandhomx x'jaqsmu mas-salvazzjoni vera. Ippruvaw ifhmu l-fatti u aħsbu dwar il-verità. Jekk intom tippruvaw dan ir-rimedju bħalma tippruvaw rimedji oħra ta' did-dinja, tintebħu minnufih li l-ebda dawl, ħlief id-dawl taċ-ċertezza vera, mhu se jilliberakom mid-dlamijiet ta' ġo fikom, u li xejn, ħlief l-ilma safi tal-intuwizzjoni perfetta, ma jista' jnaddafkom mill-qżież ta' ġo fikom, u li l-ilma nadif tal-'konoxxenza' Divina biss jista' jtaffi l-ħruq li jinsab ġo qalbkom. Min jissuġġerixxi xi ħaġa kuntrarja huwa giddieb u min jipprova rimedju differenti huwa baħnan. Nies bħal dawn ma jressqukomx lejn id-dawl, iżda jdaħħlukom aktar fil-fond ta' abbiss mudlam, u jżidulkom il-ħruq u t-tixniq, minflok ma jipprovdulkom l-ilma li jaqta' l-għatx. L-ebda demm mhu

se jsalvakom ħlief dak li joħroġ mill-‘ikel’ tal-persważjoni. L-ebda salib ma jista’ jsalvakom ħlief is-salib tal-onestà, u li tibqgħu sodi fejn tidħol il-verità. Iftħu għajnejkom u rriflettu! Mhux vera li, jekk ma jkunx hemm id-dawl, ma tarawx u jekk ma ssegwux il-mogħdija t-tajba, ma tilħqux id-destinazzjoni tagħkom? Ir-realtà spiritwali tista’ tinftiehem aħjar jekk tiġi mqabbla ma’ dik materjali. Għaldaqstant, irriflettu fuq dak li tistgħu tifhmu faċilment u, bl-għajnuna ta’ dan, ippruvaw ifhmu dak kollu li jinsab lil hinn mill-perċezzjoni tagħkom. Il-liġijiet li jirregolaw id-dinja fiżika japplikaw ukoll għad-dinja spiritwali, għaliex it-tnejn huma mnissla mill-istess sors Divin. Hemm xi ħadd li jista’ jara mingħajr għajnejn, jew jisma’ mingħajr widnejn, jew jitkellem mingħajr ilsien? Għaliex ma napplikawx l-istess liġijiet għar-realtà spiritwali? Huwa possibbli għal xi ħadd li għandu l-għajnejn li jibqa’ wieqaf fix-xifer ta’ ħofra bla qiegħ? Jista’ xi ħadd li għandu l-widnejn ma jismax id-dħul tal-ħallelin f’daru? Hemm xi ħadd, li huwa kapaċi jiddistingwi l-ħelu mill-qares, li jiekol xi ħaġa morra u velenuża li twassal għat-tbatija u l-mewt? Jekk napplikaw dawn il-fenomeni fiżiċi għad-dinja spiritwali, nistgħu nifhmu faċilment li, biex wieħed jissaħħaħ fil-ħajja spiritwali, wieħed għandu bżonn id-dawl li jurih il-mogħdijiet tat-tfixkil, wieħed għandu jkollu l-fakultà tas-smigħ biex jagħraf iċ-ċorom tal-ħallelin, u wieħed għandu jkollu s-sens tat-tegħim biex jiddistingwi bejn il-ħelu u l-morr u l-velenu mill-antidotu. Dawn huma l-kundizzjonijiet meħtieġa għas-salvazzjoni, u l-ebda persuna li hi għamja u mhux imbierka bid-dawl mhi se tikseb is-salvazzjoni bis-saħħa tad-demm ta’ ħaddieħor.

Is-salvazzjoni mhijiex marbuta biss mal-Ħajja ta’ wara l-mewt. Is-salvazzjoni vera tibda minn din il-ħajja stess. Hija dawl li jinżel fuq ir-ruħ u jikxef il-mogħdija li twassal għad-distruzzjoni. Imxu fit-triq tal-verità u l-għerf ħalli toqorbu lejn Alla, u qawwu qalbkom ħalli tersqu lejn il-verità. Sfortunata hija l-qalb li hi kiesħa, u l-ispirtu li hu mejjet, u l-kuxjenza

li m'għandha l-ebda intuwizzjoni. Siru bħal barmil li jitniżżel vojt f'bir u jitla' mimli, u mhux bħal passatur li ma jżommx qatra ilma. Ħudu ħsieb tas-saħħa [spiritwali] tagħkom, u eħilsu lilkom infuskom mid-deni tal-materjaliżmu, li l-influwenza qerrieda tiegħu tagħmikom, u ttarraxkom, u ma tħallikomx ittiegħmu sewwa, u tneħħilkom l-enerġija minn idejkom u saqajkom. Inqatgħu minn din id-dinja ħalli tkunu tistgħu tintrabtu mal-Wieħed Divin. Tħallux lil qalbkom timxi lejn direzzjoni waħda ħalli tkun tista' timxi lejn direzzjoni oħra. Warrbu t-tħassir ta' din id-dinja ħalli tingħatalkom il-ġawhra leqqiena tas-sema. Morru lura lejn il-bidu tagħkom u lejn is-safa ta' missierkom Adam fil-waqt ta' twelidu, ħalli intom, ukoll, tingħataw is-sovranità fuq il-ħwejjeġ kollha.

Il-ġurnata waslet biex tintemm u x-xemx waslet biex tinżel. Għad għandkom iż-żmien jekk tixtiequ taraw, inkella jkun għalikom tard wisq. Qabel tħallu [din id-dinja], ibagħtu qabilkom affarijiet tajba x'tieklu, u mhux ġebel u briks; u ibagħtu ħwejjeġ x'tilbsu, u mhux xewk u ċraret. Alla, li jipproduċi l-ħalib fis-sider tal-omm anki qabel ma titwieled it-tarbija, bagħat għall-ġid tagħkom stess, fi żmienkom u f'pajjiżkom, wieħed li jitmagħkom bħal omm. Huwa se jitmagħkom il-ħalib tal-persważjoni, li huwa aktar abjad mix-xemx u jhennikom aktar minn kull kwalità ta' nbid. Jekk baqgħalkom ħajja ġo fikom u m'intomx mejta, mela iġru Lejh ħalli tkunu tistgħu tixorbu dan il-ħalib frisk. Armu l-ħalib qares li huwa infettat bil-batterji, il-għaliex ma jistax jagħtikom il-ħajja, u jmarradkom eżatt malli jidħol f'ġisimkom, għaliex laħaq sar velenu. Tħarsux mibluhin lejn dak kollu li hu abjad; xi kultant l-iswed hu aħjar. Xagħar iswed, pereżempju, jixhed il-vitalità taż-żgħożija, filwaqt li x-xagħar abjad juri fraġilità, dgħufija u xjuħija. Bl-istess mod, il-'bjuda' tal-ostentazzjoni u l-ftaħir bil-virtujiet ma jfissru xejn, u persuna midinba imma sempliċi hija komparattivament aħjar il-għaliex ma taħbix id-dnubiet tagħha b'malizzja, u jiena konvint li tkun eqreb tal-ħniena ta'

Alla. Tqegħdux il-fidi tagħkom fl-inċertezza, li hi nieqsa mid-dawl veru u mhix imsejsa fuq il-filosofija Divina, il-għaliex dawn kollha jwasslu għall-qirda. Jekk intom tridu tkunu tafu kif taħarbu l-ħażen, ħarsu sewwa lejn dak li verament tixtieq qalbkom, u staqsu lill-kuxjenza tagħkom liema rimedju huwa l-aħjar biex teħilsu mid-dnub. Hawn xi ħadd jemmen li d-demm ta' Kristu huwa biżżejjed biex wieħed jibża' jwettaq dnub? Għall-kuntrarju, l-esperjenza turina li dan aktar jimliehom bil-kuraġġ, għaliex kull min iqiegħed il-fiduċja tiegħu fid-demm ta' Kristu jaħseb li dnubietu jkunu diġà maħfura.

Imma dak li għandu għarfien tan-natura velenuża tad-dnub, qatt ma jipprova jwettqu, il-għaliex jaf kif din tista' teqirdu. Għaldaqstant intbagħat raġel minn Alla biex jiggwidakom lejn dak l-għarfien li jgħinkom tagħrfu lil Alla u tilmħu l-velenu tal-ħażen, biex b'hekk taħarbu mid-dnub bħalma taħarbu minn bhima salvaġġa.

L-għan ta' dan l-artiklu huwa biex ixerred it-tagħlim veru u s-sinjali ta' Alla mad-dinja kollha, ħalli dawk li jfittxu s-salvazzjoni fil-Kruċifissjoni u d-Demm ta' Kristu jkunu jistgħu jsibu s-sors tas-salvazzjoni ġenwina.

Is-salvazzjoni vera ma tinsabx fl-ilma maħmuġ. L-ilma li jippurifika l-qalb jiġi mis-sema fiż-żmien proprju tiegħu, u x-xmara li ġġorru hija ħielsa mit-trabijiet u l-ħmieġ, u l-ilma nadif u safi tagħha huwa użat bil-qalb min-nies. Ix-xmara li waqfet tiċċaqlaq u li mtliet b'ilma qiegħed ma jistax ikollha din is-safa, għaliex l-ilma tagħha tħallat mat-tajn u l-ħmieġ tal-annimali. Il-qalb li ġiet imbierka bl-għarfien ta' Alla u bil-persważjoni hija bħal xmara ħajja li ssaqqi l-għelieqi kollha fi triqtha, u li l-ilma frisk u ċar tagħha jġib il-paċi u l-faraġ lil qlubhom imkebbsa. Dan l-ilma mhux talli huwa safi iżda jippurifika wkoll oħrajn billi jagħtihom l-għerf li jnaddaf is-

sadid ta' qlubhom u jġagħalhom jaħarbu d-dnub. Iżda dak li qisu għadira żgħira tal-ilma mħallat bit-tajn, dak ma jistax jagħmel ġid lill-umanità, il-għaliex lanqas jista' jsaffi lil ruħu stess. Dan hu l-waqt li tqumu u tibdew tfittxu l-ilma tal-konvinzjoni, il-għaliex dan se jingħata lilkom. Hekk kif tkunu mtlejtu bil-persważjoni, għandkom timxu 'l quddiem bħal xmara, tnaddfu lilkom infuskom mill-ħmieġ tad-dubju u s-suspett u titbiegħdu mid-dnub.

Dan hu l-ilma li jneħħi kompletament kull traċċa ta' dnub u jsaffilkom qlubkom u jħejjikom biex tissawru fix-xbieha ta' Alla. Ma tistgħu qatt tneħħu l-iskrizzjonijiet tal-ego minn fuq il-lavanja ta' qlubkom ħlief jekk taħsluha bl-ilma ċar taċ-ċertezza. Agħmlu riżoluzzjoni ħalli tingħataw is-saħħa, u fittxu ħalli tkunu sostnuti. Rattbu qlubkom ħalli tkunu tistgħu tifhmu dawn l-affarijiet, il-għaliex persuna b'qalbha iebsa hemm ċans li ma tifhimhomx. Tistgħu timmaġinaw li verament tibdew tobogħdu d-dnub jekk qlubkom ma jimtlewx bil-maestà ta' Alla, jekk ma tagħrfux il-glorja u s-setgħa tal-Wieħed Ħaj, u jekk qlubkom ma jimtlewx bid-dawl taċ-ċertezza? Le. Hemm triq waħda biss, bħalma hemm biss Alla Wieħed u Liġi waħda.

Dwar il-Ktieb

Il-kunċett Iżlamiku dwar is-salvazzjoni huwa ferm differenti minn dak ta' reliġjonijiet oħra, b'mod partikolari dak tal-Kristjaneżmu, il-għaliex l-Iżlam ma jaċċettax il-kunċett tad-Dnub Oriġinali, u jiddikjara li huwa l-bniedem innifsu li huwa responsabbli tad-dnubiet tiegħu. Għaldaqstant għandu jkun huwa stess li jillibera lilu nnifsu mid-dnubiet tiegħu stess ħalli jikseb is-salvazzjoni. F'dan l-artiklu, il-Messija Mwiegħed[as] iwieġeb din il-mistoqsija fundamentali, għala l-bniedem jidneb u kif għandu jeħles lilu nnifsu mid-dnub.

Il-Messija Mwiegħed[as] jisħaq ukoll li reliġjon ġenwina trid tkun meqjusa fuq il-ħila tagħha li twassal lis-segwaċi tagħha biex jemmnu bis-sħiħ fl-eżistenza ta' Alla. Il-kittieb qaddis iqabbel l-Iżlam mar-reliġjonijiet ewlenin l-oħra u jikkonkludi li huwa l-Iżlam biss li jista' jwassal lill-bniedem għall-konoxxenza perfetta u, konsegwentament, lejn il-ħelsien mid-dnub.

This is a Maltese translation of the book 'How to be Free from Sin,' written by Hazrat Mirza Ghulam Ahmad[as], the Promised Messiah and Imam Mahdi, Founder of the Ahmadiyya Muslim Jamaat.

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

www.ahmadija.org.mt

978-99957-59-01-8